MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru 775/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs**

**JOHANN BRIFFA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Johann Briffa ta' 31 sena, bin Alfred u Maria Concetta nee' Zammit, imwieled Pieta' fl-1 ta' Dicembru 1977, residenti f'89, St Rita House, Triq John Borg, Birkirkara, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 57378(M);

Billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xahar ta' Jannar 2009 u x-xahar ta' April 2009;

1. B’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet f’data jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha u zamm ghandu l-ammont ta’ tlett elef disa’ mija u tlieta u sebghin ewro u sittin centezmu (€3937.60) ghad-dannu ta’ B2B Supplies Limited, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-verbal tas-Seduta tallum Dr. Veronique Dalli ghall-parte civile, Dr. Chris Cardona ghall-imputat u l-Ufficjal Prosekutur iddikjaraw li jaqblu li rigward dan il-kaz l-ammont dovut mill-imputat lill-parte civile B2B Supplies Limited rappresentata f’din il-kawza minn Mark Anastasi hu ta’ tlett elef disa’ mija u tlieta u sebghin Euro u sittin centezmi ta’ Euro (Euro 3973.60).

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 31, 293, 297 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Johann Briffa, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u l-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Johann Briffa ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Johann Briffa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat Johann Briffa li jhallas lill-B2B Supplies Limited fi zmien sitt (6) xhur millum is-somma ta' tlett elef disa' mija u tlieta u sebghin Euro u sittin centezmi ta' Euro (Euro 3973.60) bhala somma dovuta mill- imputat rigward dan il-kaz lill-kumpanija B2B Supplies Limited rappresentata f'din il-kawza minn Mark Anastasi.

Inoltre Il-Qorti qed taghti lill-imputat Johann Briffa l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------